11 ta' Mejju, 1957

# Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Joseph Manchè *versus* Mary Butler et.

## Azzjoni Ċivili u Azzjoni Kriminali — Spejjeż Ġudizzjarji — Parti Ċivili — Taxxa — Ammissjoni tal-Imputat

*Jekk kawża kriminali tispiċċa b'sentenza favorevoli għall-parti leża, li kienet assistita minn difensur, u dik il-parti leża tottjeni taxxa tal-ispejjeż li kellha f'dak il-ġudizzju, konsistenti fil-ħlas tad-drittijiet dovuti lid-difensur li assistilha, u l-parti kuntrarja ma tkunx impunjat dik it-taxxa, dawk l-ispejjeż huma dovuti minnha, mingħajr ma hemm bżonn li fil-kawża ċivili li l-parti leża tagħmel biex tirreklama dawk l-ispejjeż jinstemgħu l-provi dwar ir-responsabilità jew le tal-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż hekk reklamati.*

*F'każ simili ma jittrattax mill-indipendenza tal-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali, u proprjament mhux il-każ li t-tribunal ċivili jkun qiegħed jibbaża ruħu fuq provi li saru in sede kriminali, imma li t-tribunal ikun qiegħed sempliċiment jieħu nota tas-sokkombenza tal-konvenut fil-ġudizzju kriminali; u l-ispejjeż hekk reklamati huma parti mill-ġudizzju kriminali. Divers kien ikun il-każ kieku l-parti leża kienet qegħdha tirreklama xi ħlas in linea ta' danni oltre u minbarra dawk l-ispejjeż ġudizzjarji; għax allura kien japplika l-prinċipju tal-indipendenza tal-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali.*

*Jekk imbagħad il-konvenut kien ssokkomba fil-ġudizzju kriminali għax kien ammetta l-imputazzjoni, dik l-ammissjoni, f'każ li kellu jsir ġudizzju ieħor għad-danni, kienet tikkostitwixxi prova, mhux bħala prova in sedi kriminali estensibbli għall-ġudizzju ċivili, imma bħala konfessjoni, bl-istess mod kif kienet tkun produċibbli bħala prova konfessjoni bil-miktub magħmula band'oħra, jew anki konfessjoni verbali.*

Il-Qorti;—Rat l-avviż quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li biħ l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti għall-ħlas "in solidum" bejniethom tas-somma ta' £1. 1. 2. għal spejjeż li huwa għamel bħala parti ċivili skond taxxa annessa dok. 'A', bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra, u bl-inġunzjoni lill-konvenuti għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Frar 1957, li biha laqgħet it-talba tal-attur, u kkundannat lill-konvenuti "in solidum" iħallsu lill-attur is-somma ta' £1. 1. 2. għall-ispejjeż li huwa għamel bħala parti ċivili, skond it-taxxa annessa. Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenuti; wara li kkunsidrat;

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża, kif jirriżultaw mit-trattazzjoni, kienu s-segwenti. Il-konvenuti kienu ġew imressqa quddiem din il-Qorti f'sedi kriminali għal xi offiżi li huma kienu kkaġunaw fuq l-attur. F'dik il-kawża d-difensur tal-attur kien deher bħala parti ċivili. Il-konvenuti kienu ammettew il-ħtija tagħhom u huma ġew kundannati, u l-Qorti ntaxxat id-dritt tad-difensur għall-parti ċivili f'sitt xelini għal kull seduta;

Issa l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-ispejjeż li huwa għamel bħala parti ċivili, skond it-taxxa annessa mal-avviż;

Huwa użu quddiem dawn il-Qrati li, meta wieħed jiġi kundannat f'kawża kriminali, huwa jħallas l-ispejjeż tal-parti ċivili, meta jkun hemm lok għal din. Issa, il-konvenuti qegħedin isostnu li huma ma kellhomx tort, u għalhekk m'għandhomx iħallsu l-ispejjeż tal-parti ċivili. Huwa veru li l-ġudizzju ċivili huwa ndipendenti minn dak kriminali; però f'dan il-każ ma hemmx lok li jerġgħu jinstemgħu l-provi biex wieħed jara jekk il-konvenuti kellhomx tort jew le. Infatti rriżulta mill-"Prime Note" eżibit mill-iskrivan, u del resto ġie anki ammess mill-istess konvenuti

fit-trattazzjoni ta' dina l-kawża, li l-konvenuti fil-kawża kriminali ammettew il-ħtija tagħhom. Għalhekk issa ma tista' tqum ebda kwistjoni, u huma għanhom iħallsu l-ispejjeż relativi għall-parti ċivili f'dik il-kawża;

Rat iċ-ċitazzjoni fol. 8, li biha l-konvenuti, wara li appellaw mid-deċiżjoni fuq imsemmija bin-nota fol. 7, talbu li s-sentenza tiġi revokata, u li jiġi minflok deċiż għarriġett tat-talba tal-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti li minnhom oriġinat din il-kawża, huma miġjuba superjorment fis-sentenza appellata, u ma hemmx għalfejn jiġu ripetuti;

L-appellanti jsostnu li huma mhumiex responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż reklamati, u li, biex tiġi aċċertata r-responsabilità tagħhom, ma tistax issir riferenza għall-proċeduri kriminali, peress li l-azzjoni ċivili hija ndipendenti minn dik kriminali;

Issa, proprjament, l-aspett ġuridiku tal-każ ma hux kif prospettat mid-difensur tal-appellanti. Kien hemm proċess quddiem Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali. Dak il-proċess ġie definit b'sentenza favorevoli għall-parti leża, li kienet assistita minn difensur. Ġiet rilaxxjata lill-parti leża t-taxxa tal-ispejjeż li hemm fol. 2 ta' dan l-inkartament. Dik it-taxxa ma ġietx impunjata mill-appellanti, imputati f'dak il-proċess. Huma, però, ma ħallsuhiex. Issa l-parti leża, ċjoè l-attur odjern, qiegħed jaġixxi għall-ħlas ta' dawk l-ispejjeż bil-mezzi ċivili. Kosikkè, proprjament ma hux il-każ li t-tribunal ċivili qiegħed jibbaża ruħu fuq provi li saru in sede kriminali, imma dak it-tribunal qiegħed sempliċement jieħu nota tas-sokkombenza tal-appellanti fil-ġudizzju kriminali. L-ispejjeż reklamati huma parti mill-ġudizzju kriminali. Kien ikun divers il-każ kieku l-attur kien qiegħed jirreklama xi ħlas in linea ta' danni oltre u minbarra dawk l-ispejjeż ġudizzjarji. Allura kien japplika l-prinċipju li fuqu

l-appellanti qegħdin jimpernjaw l-appell tagħhom, għalkemm anki f'dan il-każ, il-verbal tal-ammissjoni tal-imputazzjoni, li hemm fl-inkartament kriminali, kien jikkonstitwixxi prova, mhux bħala prova in sedi kriminali, estensibbli għall-ġudizzju ċivili, imma bħala konfessjoni; bl-istess mod kif kienet tkun produċibbli bħala prova konfessjoni bil-miktub magħmula band-oħra, jew anki konfessjoni verbali;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.